# Villeġġatura f'San Pawl il-Baħar fis-snin l-imgħoddija

**Kitba ta' John Galea**

Kull sena meta jasal ix-xahar ta' Lulju, ħafna familji Maltin minn diversi bliet u rħula jmorru jgħaddu s-sajf f'xi post ħdejn il-baħar. San Pawl il-Baħar minn dejjem kien imfittex mill-villeġġanti ta' l-irħula minħabba l-bajja pittoreska tiegħu u l-ħajja kwieta u ta' serħan il-moħħ. Niftakarni niġi hawnhekk fil-vaganzi ta' l-iskola maz-zijiet f'karozzin mgħobbi sa ruħ ommu b'sarar u l-bżonnijiet kollha għas-sajf. Qed ngħid għal sebgħin sena ilu u anke fi snin sa kemm bdiet l-aħħar gwerra.

Minn Ħaż-Żebbuġ għal H'Attard, nilwu lejn Ta' Qali, ngħaddu minn fuq il-linji tal-vapur ta' l-art (ferrovija) li dak iż-żmien kienet titlaq mill-Belt Valletta fi triqtha lejn l-Imdina. Għassies bil-bandiera kien ikun ħdejn il-linji minħabba l-periklu ta' xi ħabta. Qrib it-Torri Cumbo nilwu lejn il-Mosta għal maġenb il-kappella ta' l-Isperanza imbagħad għal Targa Gap. Hawn il-kuċċier iniżżilna nimxu u ninżlu minn taraġ u trejqa li tgħaddi minn ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp għal parti t'isfel sakemm jasal il-karrozzin, nirkbu u nibqgħu sejrin lejn Burmarrad u fl-aħħar naslu San Pawl il-Baħar wara xi siegħa u nofs.



*It-Torri ta' Wignacourt kif kien qabel ma tneħħa t-taraġ u l-kmamar mal-ġnub*

Il-mezzanin taz-zijiet kien fi triq ħdejn il-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani. Kważi l-familji kollha f'din it-triq kienu villeġġanti - nies minn Ħaż-Żebbuġ, minn Ħal Qormi, mill-Mosta, mill-Ħamrun, u anke minn Tas-Sliema. Faċċata tagħna kien hemm erba' vilel fosthom dik tal-Konti Sant'Cassia bi ġnien kbir quddiemha u b'erba' siġriet kbar tal-awrikarja li kienu jsebbħu dak l-ambjent. Il-progress u l-kilba tal-flus qerdu din il-villa u ħafna mis-sbuħija ta' San Pawl il-Baħar ta' tfuliti.

It-torri ta' Wignacourt ma kienx bħal ma hu llum. Kellu taraġ twil li kien joħroġ lejn nofs Triq it-Torri sal-bieb li llum jidher waħdu fil-għoli. Kellu wkoll xi żewġt ikmamar mal-ġnub tat-taraġ fejn kien hemm is-surġent tal-pulizija meta t-torri kien għadu Għassa. Dawn il-kmamar u t-taraġ tneħħew fis-snin ħamsin minħabba t-traffiku.

Kull filgħodu kont ngħin il-quddiesa. Niftakar diversi partijiet fosthom il-Kappillan Formosa Kerr, Patri Ġorġ, Patri Llarju, Patri Ċikk u l-Kappillan Patri Ġan Franġisk li waqqaf il-Każin u l-Banda tal-lokal. Lura lejn id-dar kont insib il-mogħoż ta' Marì li kienet taħleb, bieb bieb. Iz-zija kienet tgħallih minħabba d-deni rqiq. Il-ħalib pasturizzat kien għadu ma jeżistix. Imbagħad nerħilha lejn ix-xatt bil-qasba u l-ġewlaq u kopp għall-gambli. Dawra mal-banjijiet u l-menqa u jkollok borża gambli. Id-daħla tas-Sirens li dak iż-żmien is-sajjieda kienu jafuha bħala l-barriera, kienet veru bejta tal-ħut.

Fil-ġewlaq kont intella' brieqex, tird, sparli, għarajjes u kull tant xi fellusa ta' ċerna wkoll. Meta l-baħar kien ikun imċaqlaq kien jinqabad ukoll xi sargu sabiħ.

Fis-snin tletin il-flotta Ingliża kienet kbira ħafna. Kultant kienu jiġi xi sitt *destroyers* mill-port il-kbir u jsorġu 'l ġewwa mill-gżejjer ta' San Pawl. X'ħin jidlam kienu jinxtgħelu u jsebbħu port. Aħna t-tfal konna ninġabru ħdejn il-moll tal-menqa u naraw il-fizzjali u l-baħrin neżlin ix-xatt mill-*cutters* li kienu jwassluhom u jeħduhom lura.

Fit-toroq niftakar il-fanali bil-lampi tal-pitrolju. Kien hawn wieħed mat-taraġ tat-torri, ieħor mal-moll tal-lanċa, fuq il-lemin tan-naħa tas-Sirens u fuq il-moll tal-menqa. Il-bqija dlam taqtgħu b'sikkina. Meta jidlam mit-torri l-isfel ma kont tara 'l ħadd.

Iżda nhar ta' Ħadd u f'xi festi ix-xatt kien ikun differenti. Minn filgħodu jibdew jaslu l-karettuni miġbuda minn bgħula jew żwiemel mgħobbija b'familji sħaħ li jiġu mill-inħawi fil-qrib u anke mill-irħula. Dawn jinżlu minn niżla tat-torri, isibu post mal-ħajt għad-dell, iżarmaw il-bhima u l-karettun jgħolluh bil-lasti l-fuq u magħhom jifirxu xi lożor biex jistkennu mix-xemx. Hemm taħt il-familja bit-tfal żgħar jgħaddu l-jum fil-mistrieħ wara ġimgħa ta' xogħol. Meta aktar tard bdew il-karozzi tal-linja, in-nies bdew jikru privates u jmorru jqattgħu jum l-Għadira. Iżda huma u sejrin lura jinżlu x-xatt u jqattgħu sagħtejn hawnhekk sakemm ikun ser jidlam. B'hekk ix-xatt mit-torri l-isfel sal-Menqa u anke sal-Gillieru kien ikun mimli b'nies kbar u żgħar kif ukoll b'karettuni u xi erba jew ħames privates mal-ġnub tat-triq. Il-patrijiet kienu jagħmlu fiera u Fra Lipp kien iqabbad lilna t-tfal inġorrulu l-imwejjed fejn ipoġġi l-gaġeġ tal-fniek u t-tjur biex jintrebħu. Mejda oħra kienet tas-sold xelin, l-aktar waħda popolari.

Mill-1935 il-quddiem bdejna nisimgħu b'Hitler, Mussolini u gwerer. L-Ingilterra u l-Italja tlewmu fuq il-kwistjoni tal-Abbissinja, illum l-Etjopja. It-Taljani, li ġa kellhom l-art tal-Eritrea u s-Somaliland, bdew iġorru truppi u armamenti lejn il-kanal tas-Suez, lejn il-baħar l-Aħmar biex jokkupaw l-Abbissinja. Il-flotta Ingliża żdiedet. Anke reġimenti Ingliżi ġew stazzjonati fil-gżira. Fl-1938 beda l-inkwiet ma' Hitler. Iċ-ċaqlieq militari ta' suldati u trucks saret ħaġa ta' kuljum. F'San Pawl ġew suldati tal-*Irish Fusiliers*. Kumpanija ta' dawn is-suldati kienu jiġu f'xi żewġ trucks kbar u jieqfu kif tinżel in-niżla tat-torri, magħhom ġieli ġabu xi *searchlight,* inħottuh u jtellgħuh fuq is-saqaf tal-latrina li kienet inbniet ix-xatt. Meta jidlam jagħmlu t-taħriġ billi jitfgħu d-dawl qawwi tiegħu fuq il-blat tal-Gillieru, Buġibba u l-gżejjer ta' San Pawl. Kuntrattur privat kien ħaffer *pill-box* taħt it-triq 'il fuq mix-xatt tas-Sirens. Minnha kienu jidħru

biss ix-xquq li minnhom jisparaw il-*machine guns* li kien hemm ġewwa taħt l-art. Il-gwerra kompliet riesqa.

Fl-ewwel ta' Settembru Hitler daħal fil-Polonja. Il-Ħadd 3 ta' Settembru, l-Ingilterra u Franza iddikjaraw gwerra lil Ġermanja. It-*Times of Malta* ġabet ittri kbar fuq quddiem *England and France declare war on Germany.* Konnha għadna hawnhekk u l-kliem ta' kulħadd kien fuq il-gwerra. F'xi l-għaxra ta' filgħodu ġie pulizija u avża lil kulħadd biex nifthu l-bibien u t-twieqi beraħ għax kien ser jispara l-kanun tal-Wardija. Dan sar biex ma jinkisirx ħġieġ. Kulħadd obda din l-ordni u wara kulħadd inġabar ħdejn it-torri. Tgħid kien hemm xi bastiment ta' l-għadu fil-qrib? Il-barra fuq ix-xefaq kien jidher għaddej vapur tal-merkanzija, ħaġa li konna narawha kuljum. F'daqqa waħda tir qawwi ta' kanun riegħed l-inħawi kollha u baqa' jidwi mal-għoljiet ta' Rdum il-Bies, il-Mistra u l-inħawi tal-Qawra. Kolonna kbira ta' ilma dehret f'distanza quddiem il-vapur. Tir ieħor u din id-darba l-ilma għola eqreb. Stennejna t-tielet tir, iżda dan ma wasalx. Il-vapur deher inaqqas sa ma waqaf għal kollox.



*Il-parti tas-Sirens Pitch fis-snin 30: tidher il-'pill box' bix-xquq għall-'machine guns'. Id-dar b'żewġ loġog għadha kif kienet dak iż-żmien.*

Mill-għada stess il-familji ġirien tagħna bdew jgħabbu kollox u jparpru lura lejn darhom tax-xitwa. Meta tlaqna aħna wkoll ħallejna warajna l-patrijiet Franġiskani, il-familja Pirotta li kienet tmexxi l-Miramar Hotel u l-familja kbira tal-Konti Sant'Cassia bi ħdax il-ulied li kienu residenti s-sena kollha. Iż-żmien sabiħ tat-tfulija u taż-żgħożija kien għadda. Jien u ħafna minn sħabi li kont nilgħab u ngħum magħhom fis-sajf ilbisna l-uniformi tas-servizz u għamilna l-parti tagħna. Uħud minn sħabi ma rġajtx rajthom iżjed. Jew emigraw jew għaddew għall-ħajja ta' dejjem. Kellhom jgħaddu għaxar snin qabel ma rġajt bdejt niġi għal vaganzi f'San Pawl il-Baħar.

Għal dawn l-aħħar ħamsin sena bqajt niġi kull sajf bil-familja. Tul is-snin San Pawl il-Baħar inbidel mil-lejl għan-nhar. Ir-raba u x-xagħri ta' Buġibba u l-Qawra saru belt oħra. Il-vilel inbidlu f'mostri tal-konkrit. It-traffiku ma jaqta' xejn bil-konsegwenzi ta' l-istorbju u t-tniġġis. Taħt wiċċ il-baħar dejjem ċpar.

Min bħali għex f'dawk iż-żminijiet ta' qabel il-gwerra bilfors iħoss nostalġija kbira għal dik il-ħajja ta' paċi u mistrieħ li għabet għal dejjem.